**F'raħal twelidi**

Stednuni għall-mgħamudija
U jien ġejt inċeklem bil-mod,
B'moħħi u b'qalbi bit-tama
Naghmel minn qalbi, dak li jgħodd.

Ġejt bil-kalma, b’ħafna ħrara
U niftakar tal-imgħoddi,
Gerbu s-snin, ġrew ilkoll f'daqqa
Kemm berkuni b'ħafna modi.

Niftakarni hawn abbati
L-ewwel ma' Patri Publiju,
Warajh l-għażiż Patri Karlu
Kellna l-ferħ bil-biżibilju.

Warajhom ġie Patri Kassjan
Bniedem t'Alla w ta' azzjoni,
Emmnuni li lilu jien naf
Lil tiegħi l-vokazzjoni.

Hawn, quddiem il-Knisja tagħna
Niftakar għalqa spazzjuża,
Fiha lagħabna bil-ballun
U kull loghba misterjuza.

Diz-żiffa ħelwa w sabiħa
Dat-temp xemxi b’daqshekk ilwien,
Jikkonvinċini li San Ġwann
Hu tassew għaxqa tal-ħolqien

Hawn tgħallimt nimxi u nifraħ
Hawn tgħallimt noħlom w nittama,
Rahal tiegħi miegħi nieħdok
Inti l-imħabba tal-Mamma.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.